MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2008

Numru 927/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana)**

**versus**

**Sef Abukar Ali**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Sef Abukar Ali, bin Ali u Fatima nee' Omar, mwieled Somalja fil-25 ta' Lulju 1976 u li jinsab bla residenza, u g]andu l-Polilce Card bin-numru 04B23.

Akkuzat talli fl-24 ta' Settembru 2008 bejn il-23.00 u 05.00 gewwa l-ufficcju ta' l-OIWAS Tent Village Open Centre Triq Hal Far limiti ta' Birzebbuga;

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe propjeta; tal-Gvern ta' Malta, liema ammont ta' hsara h ija izejed minn elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69 Euro)
2. U iktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi kkommetta serq ta' mobile phone ta' l-ghamla Nokia minn gewwa l-istess ufficcju ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, liema serq huwa aggravat bil-hin u bil-mezz.

Rat l-atti kollha tal-process, inkluz il-kunsens ta' l-imputat u ta' l-Avukat Generali sabiex dawn il-proceduri jkunu sommarji.

Rat li l-imputat wiegeb hati ghaz-zewg imputazzjonijiet, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li nghata hin bizzejjed biex jahsibha.

Ghaldaqstant dawn l-imputazzjonijiet huma ppruvati skond il-Ligi.

Il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 17(b), 261(b) (f), 263, 270, 325(1)(a), 278(2) tal-Kap 9 ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh u qed tikkundannah – wara li rat l-ammissjoni bikrija tieghu, il-fatt li ta lura l-mobile, u l-fedina penali netta tieghu u kif wkoll li l-ammont tal-hsara tela ghal 2255 Euro – ghal prigunerija ta' sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------